KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Kumpless Umberto Calosso

Triq il-Kbira San Ġużepp

Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664

E-Mail: santavenera.lc@gov.mt

Web page: http://www.stvenera.gov.mt

7/16

**Minuti tas-seba' laqgħa tas-sittax–il sena tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tlieta 25 ta' Awissu 2009, fis-6pm.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sinjura Elizabeth Vella | - | Sindku |
| | Is-Sur Horace J Anastasi | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Cleaven Christian Bugeja | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Cassar | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Mistiedna: | Is-Sinjura Romina Perici Ferrante | - | Accountant |
| Skużat: | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier |

1.0 <u>Item 1: Talba</u>

1.1 Il-laqgħa infetħet b'talba qasira mis-Sindku.

**2.0 <u>Item 2: Qari u approvazzjoni tal-minuti</u>**

2.1 Il-minuti tas-7 ta' Lulju 2009 ittieħdu bħala moqrija u ġew approvati kif koreġuti.

2.2 Minuta 3.1.2: Tinqata l-aħħar sentenza tal-ewwel paragrafu.

2.3 Minuta 10.2 (il-ħames vers mill-ewwel paragrafu): Il-kelma 'sat-tmien' tinbidel għal 'sat-tmiem'.

**3.0 <u>Item 3: Affarijiet li jitqajmu mill-minuti</u>**

3.1 Minuta 2.2.1: Is-Sur Anastasi staqsa x'kienu l-kontradizzjonijiet. Is-Sindku qalet li kien għadda wisq żmien biex tiftakar iżda rrimarkat li l-artikolu kien fis-singular. Is-Sur Anastasi ma qabilx u qal li t-titolu tal-artikolu kien 'Il-ħmistax-il xahar tal-Viċi Sindku'.

3.2 Minuta 3.1.1: Fuq mistoqsija tas-Sur Formosa, is-Sindku qalet li s-Sur Anastasi u l-avukat għadhom ma ltaqgħux. Il-Kunsill qabel li jiffissa appuntament il-Kunsill stess.

3.3 Minuta 3.1.2: Is-Sur Anastasi qal li l-minuta inkwistjoni hi nulla peress li riżoluzzjoni speċjali irid ikollha żewġ proponenti u sekondant. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li avolja jaqbel perfettament ma dak li qal is-Sur Anastasi, qal ukoll li l-Kunsill minn dejjem ippreżenta r-riżoluzzjoni speċjali bi proponent wieħed biss. Is-Sur Sultana iddikjara li hu kien jaf li riżoluzzjoni speċjali trid żewġ proponenti u sekondant iżda qabel mas-Segretarju Eżekuttiv li minn l-Kunsill minn dejjem aċċetta li jippreżenta riżoluzzjoni speċjali bi proponent wieħed.Is-Sindku ikkonfermat dak li qalu s-Sur Sultana u s-Segretarju Eżekuttiv.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li jitlob parir mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali invista li l-minuti kienu ġew approvati.

3.4 Minuta 3.2.1: Is-Sur Anastasi qal li dakinhar hu kien anke ħareġ il-batteriji mir-recorder tiegħu. Is-Sur Sultana qal li t-tape suppost ingħata lill-Kunsill. Is-Sur Anastasi qal li t-tape ma kien fih xejn għax ma kienx irrikordja u ħadd ma talabulu.

3.5 Minuta 3.3.1: Is-Sur Anastasi iddikjara li ma qabilx mal-kumment li l-artikolu hu fis-singular.

3.6 Minuta 3.3.3: Il-Kunsill qabel li jekk l-individwu konċernat ma jirrimedjax jew għallinqas ma jwieġibx bill-miktub sal-aħħar ta' Settembru 2009, tinkiteb ittra bl-avukat.

3.7 Minuta 3.3.4: Fuq mistoqsija tas-Sur Sultana, is-Sindku qalet li l-Kunsill ma rċieva xejn bill-miktub pero sostniet li l-Kunsill ma kienx se jidħol fi spejjeż addizzjonali relatati mal-ilma. Il-Kunsill qabel li jitlobha bill-miktub.

3.8 Minuta 10.2: Is-Sindku qalet li s-Sur Charles Scerri ma aċċettax li jservi bħala Chairperson tal-Kumitat tal-Ġieħ. Is-Sur Sultana ippropona lil Dr. Joseph Axiaq bħala Chairperson. Is-Sindku ipproponiet lis-Sinjura Marylynn Sciortino bħala Chairperson, u lil Dr Vella Baldacchino u s-Sinjuri Charles Scerri u Antoine Attard flimkien ma Dr. Joseph Axiaq bħala membri fil-Kumitat tal-Ġieħ. Is-Sur Sultana qal li se jistaqsi lil Dr. Joseph Axiaq jekk jaċċettax ikun membru u mhux Chairman. Għaldaqstant, il-Kunsill qabel li jikkonferma l-membri l-ġodda tal-kumitat f'laqgħa oħra.

3.9 Minuta 10.3: Is-Sur Sultana qal li xi ħadd mill-Kunsill għarraf lil min għamel it-trinka fi Triq San Ġorġ li kien hu li rrapurtah. Qal ukoll li hu rraporta l-ħsara u mhux l-individwu. Il-Kunsill ikkundanna l-fatt li inkixfet l-identita tas-Sur Sultana li kien ressaq l-ilment u qabel li jittieħdu passi bil-Pulizija jekk il-ħsara ma tiġix rimedjata sal-aħħar ta' Settembru 2009.

## 4.0 Item 4: Korrispomdenza

4.1 Il-Kunsill tratta din il-korrospondenza:

4.1.1 ADT re: Works in Santa Venera.

4.1.2 ADT re: Country Flowers. Il-Kunsill innota li l-ewwel kien hemm nota ta' infurzar mill-ADT u issa dar kollox. Innota wkoll li jekk dan hu verament front garden dan suppost għandu jkun magħluq.

4.1.3 ADT re: No entry for heavy vechiles in Triq Carini and Triq Dun Frans Camilleri. Il-Kunsill qabel li jispeċifika mal-ADT li mhux kull heavy vechile ma tistax tgħaddi imma dawk li huma ta' daqs 40 pied jew aktar.

4.1.4 ADT re: Junction Triq il-Ħarrub k/m Triq il-Blata l-Kaħla

4.1.5 St Venera Boċċi Club re: Sponsorship. Il-Kunsill qabel li jisponsorja daqs is-sena l-oħra.

4.1.6 Klabb kotba Maltin re: Donazzjoni ta' flus, kotba u voucher. Il-Kunsill qabel li s-Segretarju Eżekuttiv jitkellem mas-Sur Camilleri u imbgħad jiġu bi proposta x'jista jsir f'laqgħa oħra.

4.1.7 EUPA re: Youth EuroCentre. Is-Sur Briffa qal li permezz tal-MEUSEC irranġa l-applikazzjoni u se jerġa jissottomettiha f'sejħa oħra.

4.1.8 Gaetano Tanti re: Triq il-Palazz l-Aħmar. Is-Sindku qalet li t-triq waslet biex tinbena mill-ġdid mill-Gvern Ċentrali. Għar-rigward tal-gass, il-Kunsill qabel li jikteb lill-Health and Safety u mill-MEPA.

4.1.9 Dipartiment għall-Anzjani u Servizzi fil-Komunita re: Ċentru ta' Matul il-Jum

4.1.10 26th July Fireworks re: Ħsara. Il-Kunsill qabel li ma jnaqqasx l-ammont involut.

4.1.11 Dipartiment għall-Gvern Lokali re: Memo 46/2009. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta dikjarazzjoni iffirmata minnu u mill-iskrivani kif se jaħdmu nhar ta' Sibt. Il-Kunsill qabel.

4.1.12 Dipartiment għall-Gvern Lokali re: Memo 47/2009. Il-Kunsill innomima lis-Sur Bugeja biex jieħu ħsieb din l-inizjattiva peress li hu l-Kunsillier responsabbli mill-ambjent. Is-Sur Briffa qal li jintalbu fondi mill-Unjoni Ewropeja għal Lejl Akwidott.

4.1.13 Claudia Bezzina re: Triq il-Karmelitani. Il-Kunsill qabel sakemm tipproduċi change of use.

4.1.14 Mark Mallia re: Community Chest Fun / President's Charity Run. Is-Sinjuri Bugeja u Briffa se jieħdu ħsieb din l-inizjattiva filwaqt lis-Sinjuri Anastasi u Sultana se jduru jiġbru mill-ħwienet.

4.1.15 MEPA re: Statements of Funds.

4.1.16: Kumitat għat-Tismija tat-Toroq re: Bdil tal-isem ta' Ġnien Romeo Romano għal Ġnien Dar l-Iljuni.

4.1.17: Dipartiment għall-Gvern Lokali re: Memo 48/2009. Il-Kunsill qabel li japplika għal masġar ta' Triq il-Ferrovija inkluż id-devoluzzjoni tal-art.

4.1.18: Mario de Marco re: il-Ġimgħa tal-Bnadar. Il-Kunsill qabel li jinforma l-għaqdiet.

4.2: F'dan l-istadju (7:45pm) is-Sur Briffa talab li jkun skużat għall-kumplament tal-laqgħa.

5.0 Item 5: Mistoqsijiet

5.1 Is-Sur Sultana ippreżenta l-mistoqsijiet tiegħu (minn 023 sa 026) li ġew imwieġba kollha mis-Sindku.

5.2 Għar-rigward ta' mistoqsija 026 u għax-xniegħat li l-ġnien se jingħalaq, is-Sindku qalet li hi kellha laqgħat fil-ġnien stess mall-Perit Schinas u mal-Quantity Surveyor Tony Baldacchino rigward possibilita ta' embellishment għall-istess ġnien. Fl-ebda stadju ma intqal li l-ġnien se jingħalaq pero qalet li ma teskludix li l-ġnien jingħalaq kompletament jew parti minnu għal perjodu ta' żmien skond ix-xogħol li jkun qed isir.

6.0 Item 6: Rapporti

6.1 Is-Sur Anastasi poġġa fuq il-mejda tal-kamra kopja tar-rendikont finanzjarju tal-Kumitat Konġunt.

6.2 Il-Kunsill iddiskuta wkoll ir-rapporti tal-Contracts' Manager għax-xhur ta' Ġunju u Lulju 2009.

6.3 F'dan l-istadju (8:10pm) is-Sur Anastasi talab li jkun skużat għall-kumplament tal-laqgħa.

7.0 Item 7: Skeda ta' pagamenti (approvazzjoni)

7.1 L-iskeda għal *cheque payments* (8 ta' Lulju 2009 sal-25 ta' Awissu 2009) tqassmet lill-Kunsilliera kollha u ġiet approvata mingħajr cheque 4161 pagabbli lill-MP&DC għax il-Kunsill qabel li jħallas lill-Perit wara li jitlesta x-xogħol u cheque 4185 pagabbli lil Dr Richard Sladden peress li uħud mix-xogħlijiet li għamel ma kienux approvati mill-Kunsill. L-iskeda ġiet iffirmata mis-Sinjuri Bugeja u Formosa.

7.2 L-iskeda għal petty cash payments (17 ta' Ġunju 2009 sal-25 ta' Awissu 2009) tqassmet lill-Kunsilliera kollha u ġiet approvata. L-iskeda ġiet iffirmata mis-Sinjuri Bugeja u Formosa.

7.3 Tqassmet ukoll schedule of receipts (15 ta' Ġunju 2009 sat-30 ta' Lulju 2009).

8.0 Item 10: Ordinjiet tal-Ġurnata

8.1 Rendikont Finanzjarju (April sa Ġunju 2009).

L-accountant ippreżentat ir-rendikont finanzjarju għal dan il-perjodu. Is-Sindku ipproponiet sabiex ir-rendikont ikun approvat. Din il-proposta ġiet sekondata mis-Sur Sultana. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 9.0 Item 8: Ilmenti

9.1 Il-Kunsill tratta dawn l-ilmenti:

9.1.1 (59): Il-Kunsill qabel li jikteb l-ittra.
9.1.2 (60): Il-Kunsill ma qabilx.
9.1.3 (61): Il-Kunsill ma qabilx peress li t-triq hi skedata li ssir mill-Gvern Ċentrali.
9.1.4 (62): Il-Kunsill qabel li jikteb l-ittra.
9.1.5 (63): Il-Kunsill qabel li jirriferi l-każ l-ADT.
9.1.6 (64): Il-Kunsill qabel li joħroġ works order lil Light Housekeepers.
9.1.7 (65): Il-Kunsill innota li dan suppost għandu single yellow line faċċata tal-garaxx taħt il-bankina.
9.1.8 (66): Il-Kunsill qabel li jikteb l-ittra.
9.1.9 (67): Il-Kunsill ma qabilx.
9.1.10 (68): Il-Kunsill innota li din il-camera diġa' ma ġietx approvata mill-Kunsill f'laqgħa oħra.
9.1.11 (69): Il-Kunsill qabel li għalissa x-xogħol jinsab pendenti minħabba l-finanzi.
9.1.12 (70): Il-Kunsill ma qabilx peress li t-triq hi skedata li ssir mill-Gvern Ċentrali.
9.1.13 (71): Il-Kunsill ma qabilx peress li t-triq hi skedata li ssir mill-Gvern Ċentrali.
9.1.14 (72): Il-Kunsill qed jitlob għall-permess tal-garaxx.
9.1.15 (73): Il-Kunsill qabel.
9.1.16 (74): Il-Kunsill qed jitlob għall-permess tal-garaxx.
9.1.17 (75): Il-Kunsill qabel li jirriferi l-każ l-ADT.
9.1.18 (76): Il-Kunsill ma qabilx peress li t-triq hi skedata li ssir mill-Gvern Ċentrali.
9.1.19 (77): Il-Kunsill qabel li jitratta dan il-każ permezz tal-ħaddiema assenjati.
9.1.20 (78): Il-Kunsill ma qabilx.
9.1.21 (79): Il-Kunsill ma qabilx.
9.1.22 (80): Il-Kunsill ma qabilx.
9.1.23 (81): Il-Kunsill qabel li jirriferi l-każ l-ADT.
9.1.24 (82): Il-Kunsill qabel li japplika l-ADT.
9.1.25 (83): Il-Kunsill qabel li għalissa x-xogħol jinsab pendenti minħabba l-finanzi.
9.1.26 (84): Il-Kunsill qabel li joħroġ works order lil B.Grima & Sons Ltd.
9.1.27 (85): Il-Kunsill ma qabilx.
9.1.28 (86): Il-Kunsill ma qabilx.
9.1.29 (87): Il-Kunsill innota li t-tabella neċessarja diġa' twaħħlet.
9.1.30 (88): Il-Kunsill qabel li joħroġ works order lil B.Grima & Sons Ltd.
9.1.32 (89): Il-Kunsill qabel li joħroġ works order lil B.Grima & Sons Ltd.
9.1.33 (90): Il-Kunsill qabel li jikteb l-ittra.

9.2 Is-Sur Bugeja talab li quddiem il-banka tal-lottu l-ġdida ta' Triq il-Kappillan Mifsud issir Reserved Parking. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-approvazzjoni diġa' waslet il-Kunsill pero Triq il-Kappillan Mifsud hi triq arterjali allura x-xogħol irid isir mill-ADT stess. Il-Kunsill qabel li jiikteb f'dan is-sens.

## 10.0 Item 9: Mozzjonijiet

10.1 Peress li s-Sur Anastasi ma kienx preżenti, il-Kunsill qabel li l-mozzjoni tiegħu tkun diskussa f'laqgħa oħra.

10.2 Is-Sur Sultana ippreżenta l-mozzjoni tiegħu (Promozzjoni għal Skala 13). Din il-mozzjoni ġiet sekondata mis-Sur Bugeja. Mingħajr diskussjoni, il-Kunsill qabel unanimament.

10.3 Is-Sur Sultana ippreżenta l-mozzjoni tiegħu (Triq Ġdida fi Triq l-Imsida) Din il-mozzjoni ġiet sekondata mis-Sur Bugeja. Wara introduzzjoni qasira mis-Sur Sultana, is-Sindku qalet li hi kienet tippreferi li t-triq tissemma Triq il-Madonna tal-Karmnu pero ma ssib ebda oġġezzjoni għal dan l-isem. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.0 Item 10: Ordnijiet tal-Ġurnata (kontinwazzjoni)

11.1 Kuntratt tal-Knis

Saret diskussjoni fuq l-abbozz tal-kuntratt il-ġdid tal-knis u ġie approvat kif emendat. Apparti hekk, il-Kunsill qabel li jistaqsi jekk issa l-kuntratti humiex għal erba' snin u jekk l-ewwel sena nistgħux nagħmluha bħala probation.

12.0 Item 11: Aġġornament

12.1 Fl-assenza tas-Sur Camilleri, is-Segretarju Eżekuttiv talab l-approvazzjoni tal-Kunsill li fil-ħarġa li jmiss tal-Akwidott jippubblika reklam ta' St Thomas Istitute. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

12.2 Is-Sindku stiednet lis-Sur Formosa jorganizza ħarġa għal Jum l-Anzjani. Hi ssuġġeriet żjara lill-Arċisqof.

12.3 Il-Kunsill qabel li jerġa jiftaħ diskussjonijiet għal aktar konrsijiet tal-computer mill-fundazzjoni Richmound u jgħarbel proposti għal korsijiet fil-computer mit-TCTC għax-xitwa. Qabel ukoll li jerġa jorganizza klassijiet oħra fl-ajrobika u jintroduċI lezzjonijiet taż-żfin.

12.4 Il-laqgha intemmet fid-9:30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 29 ta' Settembru 2009 fis-6pm b'aġenda tkun komunikata aktar tard.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Cassar | Ikkonfermati | Elizabeth Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | 29 ta' Settembru 2009 | Chairperson |